kelma oħra. Trid tagħżel fil-kitba bejn il-ħoss Malti *Q* fil-kelmiet
*Qaws* (Kaws) u l-ħoss ta' *Q* (Cof)
*Qerr* (Ker), *Qormi* (Kormi) u *Qaws* (Kaws) u l-ħoss ta' *Q* (Cof)
Għarbija fil-kelmiet *Qargħa* (Kargħa), *Qaddis* (Kaddis), *Qarn*
(Karn), *Qasir* (Kasir) eċċ. Hemm imbagħad *Kabar*, fejn tindifen,
u *Chabar*, fejn jitqiegħed il-fus tal-ħadid, li jfissru ħaġa diffe-
renti waħda mill-oħra u li għandhom pronunzja diversa. Fuq
hekk iżid igħid: "*Vero si è che vi sono de Maltesi che li con-
fondono, anzi intendendo di parlar meglio, li stroppiano, e ciò
succede in un infinità di parole, però chi la mette in stampa bi-
sogna che assegni le differenze e le circostanze per non lasciare
una cacofonia nelle parole e non si trova nell'esecuzione il 'quid
pro quo'.*" L-istess għall-ħsejjes *d* u *dh*, u *t* u *th*, li bejniethom
tgħaddi xi ftit tad-divrenzja. Bl-ittri Latini ma tistax tfissirhom
wisq malajr "......*queste differenze mettendole alle stampe non
so come ponno bene comprenderle, e pronunciarle colle de. no-
stre lettere (Latine), e come riuscirà a quei che desiderano ap-
prendere dal libro......*".

(*Jissokta*)

———:0:———

## SUĊĊESS LETTERARJU

Nifirħu bil-qalb kollha lil sħabna tal-"Għaqda", is-Sur Marju Agius u lis-Sur G. Ellul Mercer għas-suċċess u rebħ tagħhom **fil-Konkors Letterarju** tal-Pronostku Malti tal-1949: wieħed bil-poeżja tiegħu "Inħobb il-Ħajja u 'l Alla" li ħadet ir-Raba' Premju, u l-ieħor bin-Novella "Il-Waħx" li ħadet it-Tielet Premju. Dan hu ta' ġieħ mhux biss lil sħabna iżda wkoll lill-"Għaqda" tagħna.



## IL-GĦANJA TAĊ-ĊAQLIQ *

*Ta'* A. BUTTIGIEG

*Imnebbħa mill-għajn li tinsab fil-*
*Palazzo Pitti ħdejn l-Arno, Firenze.*

Smajt il-għanja tal-għejun
imfawrin,
ħafna sriebet ma' xulxin,
qishom pizzi tal-bizzilla
bajdanija
li jinqalbu
għal ġo vaska sewdenija.

Smajt il-għanja wkoll tas-sigar:
ċedru w pin,
pjoppi u ċawsri ma' xulxin,
jagħmlu toroq imsaqqfin
twal tal-ħdura
fejn il-vari bojod kina
ta' ġol-ġnien iżidu ż-żina.

Smajt il-għanja wkoll tal-mewġ,
li b'elf barri wild il-fewġ
sejjer jaħrat wiċċ ix-xmara
sa ma jasal fuq ix-xifer
u tinħall fil-gliegel bojod qalb ir-ragħwa taċ-ċarċara;
wiċċ ix-xmara
twil u twil mal-pontijiet,
miexi qalb il-boskijiet,
sa jintefa' ġewwa l-baħar
f'għaqda kbira ferreħija,
bajdanija.

Smajt it-tlieta
u t-tlieta kellhom
għanja waħda ta' tħaxwixa,
xix... xix... xix...
għanja waħda ta' ċaqliqa,

(*) Din il-poeżija u ta' wara nqraw f'Laqgħa Akkademika li saret mill-Għaqda fit-28 ta' Novembru, fid-Dar ta' S. Ġużepp, il-Belt.